Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,694, 3 ta' Settembru, 2021
Taqsima B

A.L. 344 tal-2021

ATT DWAR L-AWTORITÀ GĦAT-TRASPORT F'MALTA (KAP. 499)

Regolamenti tal-2021 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Servizzi ta' Ġarr ta' Passiġġieri b'Vetturi Żgħar u Servizzi ta' Kiri ta' Vetturi

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 43 tal-Att dwar l-Awtorità għat-Trasport f'Malta, il-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali, wara konsultazzjoni mal-Awtorità għat-Trasport f'Malta, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2021 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Servizzi ta' Ġarr ta' Passiġġieri b'Vetturi Żgħar u Servizzi ta' Kiri ta' Vetturi u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar Servizzi ta' Ġarr ta' Passiġġieri b'Vetturi Żgħar u Servizzi ta' Kiri ta' Vetturi, hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali". L.S. 499. 68.

Jemenda r-regolament 5 tar-regolamenti prinċipali.

2. Is-subregolament (4) tar-regolament 5 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi sostitwit bis-subregolament ġdid li ġej:

"(4) Ġaladarba tinħareġ, liċenza ta' operatur għandha tibqa' valida sakemm u qabel ma tkun revokata, sospiża jew irtirata, dejjem jekk l-operatur jissottometti mal-Awtorità, fi żmien xahar (1) qabel għeluq l-ewwel anniversarju mill-ħruġ tal-istess liċenza, u kull sena minn dik id-data 'l quddiem, applikazzjoni għat-tiġdid li għandha tinkludi:

(a) ċertifikat tal-kondotta maħruġ mill-pulizija;

(b) il-ħlas stipulat fl-Ewwel Skeda; u

(ċ) dikjarazzjoni minnu ffirmata li tikkonferma li huwa għadu jissodisfa r-rekwiżit ta' reputazzjoni u kondotta tajba u li minn mid-data li fiha nħareġ l-aħħar ċertifikat imsemmi fir-regolament 7(1)(a) u li huwa ma ġiex misjub ħati ta' xi reat bi ksur tad-dispożizzjonijiet tar-regolamenti 9.".

Jemenda r-regolament 9 tar-regolamenti prinċipali.

3. Ir-regolament 9 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) is-subparagrafu (iv) tal-paragrafu (a) tas-subregolment (1) tiegħu għandu jiġi sostitwit bis-subparagrafu

ġdid li ġej :

"(iv) fl-artikoli 4, 5, 6(a), 7, 8(b), 8(ċ), 8(e), 11, 13(2), 14(3), 15, 15A, 16, 17, 18, 22(1)(b), (ċ), (d), (e), (f), 22(1Ċ), 22(1D)(a), 22(1E) u 22(3BA)(5) tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluż;";

Kap. 101.

(b) il-paragrafu (d) tas-subregolament (2) tiegħu għandu jiġi mħassar; u

(ċ) il-paragrafu (e) tas-subregolament (2) tiegħu għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala l-paragrafu (d).

Jemenda r-regolament 42 tar-regolamenti prinċipali.

4. Fir-regolament 42 tar-regolamenti prinċipali, il-kliem "u t-tiġdid" għandu jiġi mħassar.

Jemenda r-regolament 44 tar-regolamenti prinċipali.

5. Fis-subregolament (3) tar-regolament 44 tar-regolamenti prinċipali, il-kliem "u mhumiex trasferibbli." għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "u mhumiex trasferibbli:" u minnufih wara għandu jiżdied il-proviso ġdid li ġej:

"Iżda fi żmien tliet (3) xhur qabel id-data tal-iskadenza tal-imsemmi permess ta' xufier u *tag* ta' xufier, u wara, id-detentur tagħhom għandu jkun obbligat li jissottometti applikazzjoni għat-tiġdid tagħhom mal-Awtorità b'dak il-mod u soġġett għal dak il-ħlas li tista' tippreskrivi l-Awtorità flimkien ma':

(a) ċertifikat tal-kondotta maħruġ mill-pulizija; u

(b) dikjarazzjoni minnu ffirmata li tikkonferma li huwa għadu jissodisfa r-rekwiżit ta' reputazzjoni u kondotta tajba u li mid-data li fiha nħareġ l-aħħar ċertifikat imsemmi fir-regolament 42(a) huwa ma ġiex misjub ħati ta' xi reat bi ksur tad-dispożizzjonijiet tar-regolamenti 9 u 41.".